IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.5.2020
COM(2020) 213 final

ANNEX

ANNESS

ta'

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar il-kooperazzjoni b'rabta l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi u l-protezzjoni tagħhom

ANNESS

[ABBOZZ] TA' FTEHIM
BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-GVERN TAR-REPUBBLIKA TAL-POPLU TAĊ-ĊINA
DWAR IL-KOOPERAZZJONI B'RABTA MAL-INDIKAZZJONIJIET ĠEOGRAFIĊI U L-PROTEZZJONI TAGĦHOM

IL-GVERN TAR-REPUBBLIKA TAL-POPLU TAĊ-ĊINA, minn naħa waħda,

U

L-UNJONI EWROPEA, min-naħa l-oħra,

li minn hawn 'il quddiem issir referenza għalihom b'mod konġunt bħala "il-Partijiet",

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW LI l-Partijiet jaqblu li jippromwovu bejniethom il-kooperazzjoni armonjuża u l-iżvilupp ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi kif definiti fl-Artikolu 22(1) tal-Ftehim dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali relatati mal-Kummerċ (il-"Ftehim TRIPS") u li jrawmu l-kummerċ tal-prodotti li għandhom tali Indikazzjonijiet Ġeografiċi li joriġinaw fit-territorji tal-Partijiet;

IDDEĊIDEW LI JIKKONKLUDU DAN IL-FTEHIM:

Artikolu 1
Kamp ta' Applikazzjoni tal-Ftehim

1. Dan il-Ftehim japplika għall-kooperazzjoni fuq l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi ta' prodotti li joriġinaw fit-territorji tal-Partijiet u l-protezzjoni tagħhom.

2. Il-Partijiet jaqblu li jikkunsidraw li jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi koperti minn dan il-Ftehim wara d-dħul fis-seħħ tiegħu għal klassijiet ta' prodotti oħrajn ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi mhux koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni msemmija fl-Artikolu 2 u, b'mod partikolari, l-artiġjanat, billi jqisu l-iżvilupp leġiżlattiv tal-Partijiet.

   Għall-finijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 1, il-Partijiet fl-Anness VII inkludew ismijiet li jidentifikaw prodotti li joriġinaw fit-territorju tagħhom u li huma protetti fihom li, mat-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni ta' dan il-Ftehim, għandhom jingħataw prijorità għall-protezzjoni f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan il-Ftehim.

   Il-Partijiet għandhom janalizzaw il-progress li jkun sar fit-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni ta' dan il-Ftehim fi żmien sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u jagħmlu rieżami kull sentejn minn hemm 'il quddiem.

Artikolu 2
Indikazzjonijiet ġeografiċi stabbiliti

1. Il-Partijiet jikkonkludu li l-leġiżlazzjoni rispettiva tagħhom elenkata fl-Anness I ta' dan il-Ftehim tistabbilixxi l-elementi essenzjali għall-proċedura tar-reġistrazzjoni u l-protezzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi kif definiti mill-Artikolu 22(1) tal-Ftehim TRIPS.

Il-Partijiet jaqblu li l-elementi essenzjali msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(1) huma dawn li ġejjin:

(a) reġistru wieħed jew aktar li jelenkaw l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi protetti fit-territorju kkonċernat;

(b) proċess amministrattiv li jivverifika li Indikazzjoni Ġeografika tidentifika oġġett bħala li joriġina minn territorju, reġjun jew lokalità ta' waħda mill-Partijiet, fejn kwalità, reputazzjoni jew karatteristika oħra partikolari tal-oġġett tkun essenzjalment attribwibbli għall-oriġini ġeografika tiegħu;

(c) rekwiżit li isem irreġistrat għandu jikkorrespondi ma' prodott speċifiku jew prodotti speċifiċi li għalih jew għalihom tkun stipulata Speċifikazzjoni tal-Prodott, li tista' tiġi emendata biss permezz ta' proċess amministrattiv xieraq;

(d) dispożizzjonijiet dwar il-kontroll li japplikaw għall-produzzjoni;

(e) infurzar tal-protezzjoni tal-ismijiet irreġistrati permezz ta' azzjoni amministrattiva xierqa mill-awtoritajiet pubbliċi;

(f) dritt għal kwalunkwe produttur stabbilit fiż-żona li jissottometti ruħu għas-sistema ta' kontrolli li jikkummerċjalizza prodotti ttikkettati bl-isem protett, diment li l-produttur ikun konformi mal-Ispeċifikazzjonijiet tal-Prodott;

(g) proċedura ta' oppożizzjoni li tippermetti li jitqiesu l-interessi leġittimi ta' utenti preċedenti ta' ismijiet, kemm jekk dawk l-ismijiet ikunu protetti bħala forma ta' proprjetà intellettwali, kif ukoll jekk ma jkunux.

2. Wara li eżaminat l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fil-forma stipulata fl-Anness II tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina elenkati fl-Anness III, li ġew irreġistrati mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina skont il-leġiżlazzjoni tagħha elenkata fl-Anness I, l-Unjoni Ewropea timpenja ruħha li tipproteġi dawk l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi skont il-livell ta' protezzjoni mhux inqas minn dak stipulat f'dan il-Ftehim.

3. Wara li eżaminat l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fil-forma stipulata fl-Anness II għall-Indikazzjonijiet Ġeografiċi tal-Unjoni Ewropea elenkati fl-Anness IV, li ġew irreġistrati mill-Unjoni Ewropea skont il-leġiżlazzjoni tagħha elenkata fl-Anness I, ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina timpenja ruħha li tipproteġi dawk l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi skont livell ta' protezzjoni mhux inqas minn dak stipulat f'dan il-Ftehim.

4. Dan l-Artikolu japplika mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe impenn preċedenti tal-Partijiet derivat mill-applikazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Ftehim TRIPS rigward it-Trattament Nazzjonali.

Artikolu 3
Iż-żieda ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi

1. Fir-rigward tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi elenkati fl-Anness V jew VI, il-Partijiet jifhmu li se jkunu proċessati skont it-termini ta' dan il-Ftehim tul l-ewwel erba' snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim[1].

[1] Il-Partijiet jifhmu li fil-każijiet kollha, għajr dawk eċċezzjonali jew partikolarment kumplessi, l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi għandhom jitqiesu bħala pproċessati meta jkunu ġew eżawriti l-proċeduri kollha relatati mal-eżami, il-pubblikazzjoni, l-oppożizzjoni, l-appelli tagħhom jew kwalunkwe

2. Iż-żidiet għall-Indikazzjonijiet Ġeografiċi elenkati fl-Anness III u IV, wara li jiġu eżaminati l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti kif stipulati fl-Anness II, għandhom ikunu suġġetti għall-proċeduri relevanti msemmija fl-Artikolu 10(3)[2].

Artikolu 4

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi[3]

1. Fir-rigward tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi elenkati fl-Anness III jew IV, inklużi l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi miżjuda magħhom skont l-Artikolu 3 ta' dan il-Ftehim, kull Parti għandha tipproteġihom minn[4]:

   (a) l-użu ta' kwalunkwe mezz fid-deżinjazzjoni jew fil-preżentazzjoni ta' oġġett li jindika jew jissuġġerixxi li l-oġġett inkwistjoni joriġina minn żona ġeografika oħra għajr il-post veru tal-oriġini, b'mod li jqarraq bil-pubbliku fir-rigward tal-oriġini ġeografika tal-oġġett;

   (b) kwalunkwe użu ta' Indikazzjoni Ġeografika li tidentifika prodott identiku jew simili li ma joriġinax fil-post indikat mill-Indikazzjoni Ġeografika inkwistjoni, anki meta tkun indikata l-oriġini vera tal-oġġetti jew meta tintuża l-Indikazzjoni Ġeografika fit-traduzzjoni, fit-traskrizzjoni[5] jew fit-transliterazzjoni, jew tkun akkumpanjata minn espressjonijiet bħal "għamla", "tip", "stil", "imitazzjoni" jew simili;

---

proċedura oħra stabbilita għall-fini tal-protezzjoni tagħhom u tkun ittieħdet id-deċiżjoni amministrattiva li dik l-Indikazzjoni Ġeografika tiġi rrifjutata jew protetta.

2 Il-Partijiet jaqblu li l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi elenkati fl-Anness V u fl-Anness VI fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ser ikunu soġġetti għall-istess proċeduri msemmija fl-Artikolu 10(3).

3 Il-Partijiet jikkonfermaw li se jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont dan il-Ftehim permezz tal-infurzar tal-leġiżlazzjoni elenkata fl-Anness I. Il-Partijiet jieħdu nota li fl-implimentazzjoni tal-protezzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi tal-Parti l-oħra kif stabbilit f'dan il-Ftehim, il-Partijiet jistgħu jużaw is-sistemi domestiċi kollha tagħhom jew kwalunkwe waħda minnhom. Huwa nnotat li l-ebda waħda mill-Partijiet ma hija ser tuża d-dispożizzjonijiet tar-regolamenti rispettivi tagħhom dwar it-trademarks biex tippubblika l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi tal-Parti l-oħra jew biex tagħti status ta' Indikazzjoni Ġeografika lill-ismijiet stabbiliti fl-annessi ta' dan il-Ftehim. Il-punt sa fejn il-Partijiet jużaw ir-regolamenti tagħhom dwar it-Trademarks biex jimplimentaw dan l-Artikolu huwa stabbilit fl-Artikolu 6.

4 Għall-fini ta' dan l-Artikolu u sal-punt li dan ma jikkontradixxix id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 3 tal-Parti II tal-Ftehim TRIPS, il-Partijiet jaqblu li "kwalunkwe użu" jew "użu ta' kwalunkwe mezz" jista' jinkludi kwalunkwe użu kummerċjali dirett jew indirett ta' isem protett, inkluża imitazzjoni, jew użu li jissuġġerixxi jew jindika konnessjoni jew assoċjazzjoni bejn il-prodott inkwistjoni u l-isem protett. "Id-deżinjazzjoni jew il-preżentazzjoni ta' oġġett" tista' tinkludi kwalunkwe indikazzjoni falza jew qarrieqa oħra fir-rigward tal-provenjenza, l-oriġini, in-natura jew il-kwalitajiet essenzjali tal-prodott, fuq l-imballaġġ intern jew estern, il-materjal ta' reklamar jew id-dokumenti relatati mal-prodott ikkonċernat, u l-ippakkjar tal-prodott f'kontenitur li x'aktarx jagħti impressjoni falza rigward l-oriġini tiegħu;

5 It-terminu "traskrizzjoni" jkopri t-traskrizzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi protetti skont dan il-Ftehim b'karattri Latini jew mhux Latini fil-karattri tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, minn naħa waħda, u t-traskrizzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi protetti skont dan il-Ftehim bil-karattri tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina fil-karattri Latini jew mhux Latini użati fl-Unjoni Ewropea, min-naħa l-oħra. L-Annessi III, IV, V u VI jispeċifikaw l-isem oriġinali u t-traskrizzjoni tiegħu li għandha tkun protetta minn dan il-Ftehim, flimkien mat-traduzzjoni tiegħu għal finijiet ta' informazzjoni.

(c) kwalunkwe użu ta' Indikazzjoni Ġeografika li tidentifika indikazzjoni identika jew simili prodott li ma jkunx konformi mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott tal-isem protett;

2. Fil-każ ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi parzjalment jew kompletament omonimi, għandha tingħata protezzjoni lil kull indikazzjoni. Madankollu, Indikazzjoni Ġeografika li, għalkemm litteralment vera fir-rigward tat-territorju, tar-reġjun jew tal-lokalità minn fejn joriġinaw l-oġġetti, tirrappreżenta b'mod falz lill-pubbliku li l-oġġetti joriġinaw minn territorju ieħor, ma għandhiex tkun protetta. .

Kull Parti għandha, sa fejn ikun possibbli, tikkonsulta mal-Parti l-oħra qabel ma tiddetermina l-kundizzjonijiet prattiċi li skonthom l-indikazzjonijiet omonimi kkonċernati jiġu differenzjati minn xulxin, filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġi żgurat trattament ekwu tal-produtturi kkonċernati u li l-konsumaturi ma jiġux imqarrqa.

3. Fir-rigward taż-żieda ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi skont l-Artikolu 3, ebda Parti ma għandha tkun meħtieġa tipproteġi isem li jkun f'kunflitt mal-isem ta' varjetà ta' pjanti jew razza ta' annimali u li għalhekk, aktarx iqarraq bil-konsumatur fir-rigward tal-oriġini vera tal-prodott, bħala Indikazzjoni Ġeografika.

4. Meta Parti, fil-kuntest tan-negozjati ma' pajjiż terz, tipproponi li tipproteġi Indikazzjoni Ġeografika ta' dak il-pajjiż terz, u l-isem ikun omonimu ma' Indikazzjoni Ġeografika tal-Parti l-oħra protetta skont dan il-Ftehim, din tal-aħħar għandha tiġi infurmata u tingħata l-opportunità li tikkummenta qabel ma l-isem isir protett.

5. F'dan il-Ftehim ma hemm xejn li għandu jobbliga lil Parti tipproteġi Indikazzjoni Ġeografika tal-Parti l-oħra li mhijiex, jew li ma tibqax, protetta fil-pajjiż tal-oriġini tagħha, jew li ma għadhiex tintuża f'dak il-pajjiż. Kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra jekk waħda mill-Indikazzjonijiet Ġeografiċi tagħha ma tibqax protetta fil-pajjiż tal-oriġini tagħha jew ma għadhiex tintuża f'dak il-pajjiż.

6. Dan il-Ftehim bl-ebda mod ma għandu jippreġudika d-dritt ta' kwalunkwe persuna li waqt il-kummerċ, tuża l-isem ta' dik il-persuna jew l-isem tal-predeċessur tagħha fin-negozju, ħlief meta dak l-isem jintuża b'mod li jqarraq bil-pubbliku.

Artikolu 5
Id-dritt tal-użu tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi

1. Indikazzjoni ġeografika protetta skont dan il-Ftehim tista' tintuża fuq kwalunkwe prodott leġittimu li jkun konformi mal-ispeċifikazzjoni teknika ta' dik l-Indikazzjoni Ġeografika u skont ir-rekwiżiti kollha tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Parti minn fejn toriġina l-Indikazzjoni Ġeografika kif elenkata fl-Anness I.

2. Ladarba Indikazzjoni Ġeografika tkun protetta skont dan il-Ftehim, il-prodotti koperti minn din l-Indikazzjoni Ġeografika jista' jkollhom is-simboli uffiċjali tal-Indikazzjoni Ġeografika tal-Parti l-oħra fit-territorju ta' dik il-Parti, f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti elenkata fl-Anness I.

L-Indikazzjonijiet Ġeografiċi elenkati fl-Anness III għandhom jiġu inkorporati fir-reġistru rilevanti tal-UE b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim[6]. Il-

[6] L-Indikazzjonijiet Ġeografiċi nnumerati minn 55 sa 68 fl-Anness V, għandhom igawdu l-istess protezzjoni bħal dik ipprovduta għall-Indikazzjonijiet Ġeografiċi l-oħra kollha skont dan il-Ftehim, inklużi l-istess drittijiet li jkollhom is-simbolu Ewropew li jikkorrespondi għal Denominazzjoni ta'

prodotti koperti minn Indikazzjoni Ġeografika protetta skont dan il-Ftehim u elenkati fl-Anness III, inklużi dawk l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi li jiddaħħlu fl-Anness III f'konformità mal-Artikolu 3 ta' dan il-Ftehim, jista' jkollhom is-simbolu Ewropew li jikkorrespondi għal Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta jew għal Indikazzjoni Ġeografika Protetta fit-territorju tal-Unjoni. Wara valutazzjoni każ b'każ, l-UE għandha tiddeċiedi li ddaħħal l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi elenkati fl-Anness III, inklużi dawk l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi mdaħħla fl-Anness III f'konformità mal-Artikolu 3 ta' dan il-Ftehim, fir-reġistru rilevanti tal-UE bħala Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta jew bħala Indikazzjoni Ġeografika protetta. Dawn l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi għandhom jiġu inkorporati fir-reġistru b'effett mid-data tal-applikazzjoni ta' tali deċiżjoni.

Għall-Indikazzjonijiet Ġeografiċi elenkati fl-Anness IV, jistgħu jintużaw is-simboli li jikkorrespondu għal Prodotti b'Indikazzjoni Ġeografika kif stipulati mil-leġiżlazzjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

Ladarba Indikazzjoni Ġeografika tkun protetta skont dan il-Ftehim, il-prodotti koperti minn din l-Indikazzjoni Ġeografika jista' jkollhom is-simboli uffiċjali f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Parti tal-oriġini elenkata fl-Anness I, fit-territorju tal-Parti l-oħra, diment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ġenerali tat-tikkettar ta' din tal-aħħar.

Dan il-paragrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' waħda mill-Partijiet li tadotta jew iżżomm sistema għall-awtorizzazzjoni tal-użu ta' simboli uffiċjali għall-Indikazzjonijiet Ġeografiċi li joriġinaw fit-territorju tagħha.

3. Ladarba Indikazzjoni Ġeografika tkun protetta skont dan il-Ftehim, l-użu ta' tali isem protett minn kwalunkwe utent fit-territorju tal-Parti l-oħra ma għandu jkun soġġett għall-ebda approvazzjoni amministrattiva tal-utenti, jew għal ħlasijiet amministrattivi ulterjuri. Id-detentur tad-dritt jew il-korp ta' kontroll ta' Indikazzjoni Ġeografika huwa mħeġġeġ jipprovdi l-lista ta' utenti lill-awtoritajiet kompetenti tal-Parti l-oħra biex jiffaċilita l-infurzar skont dan il-Ftehim.

Artikolu 6
Ir-relazzjoni mat-trademarks

1. Il-Partijiet għandhom, ex officio jew fuq talba ta' parti interessata, jirrifjutaw jew jinvalidaw ir-reġistrazzjoni ta' trademark li tikkonsisti[7] f'Indikazzjoni Ġeografika jew it-traduzzjoni jew it-traskrizzjoni tagħha, fir-rigward ta' prodotti identiċi jew simili li ma jkollhomx l-oriġini indikata minn dik l-Indikazzjoni Ġeografika, f'konformità mar-regoli rispettivi tagħhom, diment li l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trademark tkun ġiet sottomessa wara d-data tal-protezzjoni għall-Indikazzjonijiet Ġeografiċi elenkati fl-Anness III jew IV, jew wara d-data tal-applikazzjoni għall-protezzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan il-Ftehim, fit-territorju kkonċernat.

2. Il-Partijiet għandhom ukoll, fuq talba ta' parti interessata, jirrifjutaw li jirreġistraw, jew għandhom jinvalidaw ir-reġistrazzjoni ta' trademark li tindika li l-oġġett inkwistjoni joriġina minn żona ġeografika oħra għajr il-post veru tal-oriġini fir-

---

Oriġini Protetta jew għal Indikazzjoni Ġeografika Protetta fit-territorju tal-Unjoni kif previst f'dan l-artikolu; u jistgħu jiddaħħlu fir-reġistru jekk u meta l-leġiżlazzjoni tal-UE titwessa' biex tkoprihom.

[7] Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, fir-rigward tal-protezzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi, "tikkonsisti fi" għandha titqies bħala sinonima ma' "identika jew kważi identika għal".

rigward ta' prodotti identiċi jew simili, diment li l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trademark tkun ġiet sottomessa wara d-data tal-protezzjoni għall-Indikazzjonijiet Ġeografiċi elenkati fl-Anness III jew IV, jew wara d-data tal-applikazzjoni għall-protezzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan il-Ftehim, fit-territorju kkonċernat[8].

3. F'dan il-Ftehim ma hemm xejn li għandu jobbliga lil Parti tipproteġi Indikazzjoni Ġeografika tal-Parti l-oħra skont dan il-Ftehim fejn, fid-dawl ta' trademark ta' reputazzjoni jew magħrufa sewwa, il-protezzjoni tkun tista' tqarraq bil-konsumaturi rigward l-identità vera tal-prodott.

4. Il-protezzjoni pprovduta lill-Indikazzjonijiet Ġeografiċi elenkati fl-Annessi III u IV, permezz ta' dan il-Ftehim, hija mingħajr preġudizzju għall-użu kontinwu u t-tiġdid ta' trademark li, in bona fede, tkun saret applikazzjoni għaliha, tkun ġiet irreġistrata, jew ġiet stabbilita permezz tal-użu jekk tali possibbiltà tkun prevista fil-leġiżlazzjoni tal-Parti kkonċernata, qabel id-data tal-protezzjoni għall-Indikazzjonijiet Ġeografiċi elenkati fl-Anness III jew IV, jew qabel id-data tal-applikazzjoni għall-protezzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan il-Ftehim.

   It-trademarks imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(4). jistgħu jkomplu jintużaw u jiġġeddu, diment li ma tkun teżisti l-ebda raġuni għall-invaliditá jew għar-revoka tat-trademark fil-leġiżlazzjoni dwar it-trademarks tal-Partijiet. Huwa mifhum li l-protezzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi tista' tiġi pprovduta skont leġiżlazzjoni oħra għajr il-liġijiet dwar it-trademarks, bħal leġiżlazzjoni li tipprevedi protezzjoni sui generis tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi.

   Id-data tal-protezzjoni u d-data tal-applikazzjoni għall-protezzjoni jiġu ddeterminati f'konformità mal-paragrafu 5.

5. Għall-finijiet tal-paragrafi 1, 2 u 4 ta' dan l-Artikolu, id-"data tal-protezzjoni" u d-"data tal-applikazzjoni għall-protezzjoni" għandhom ikunu dawn li ġejjin:

   – Għall-Indikazzjonijiet Ġeografiċi elenkati fl-Anness III jew IV, id-data tal-protezzjoni ma għandhiex tkun aktar tard mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim;

   – Għall-Indikazzjonijiet Ġeografiċi elenkati fl-Annessi V u VI, id-data tal-applikazzjoni għall-protezzjoni għandha tkun id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim; u d-data tal-protezzjoni ma għandhiex tkun aktar tard mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-modifika rispettiva tal-Anness III jew tal-Anness IV.

   – Għall-Indikazzjonijiet Ġeografiċi msemmija fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 3, id-data tal-pubblikazzjoni għall-protezzjoni ta' Indikazzjoni Ġeografika għandha sservi bħala d-data tal-applikazzjoni għall-protezzjoni ta' dik l-Indikazzjoni Ġeografika u d-data tal-protezzjoni ma għandhiex tkun aktar tard mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-modifika rispettiva tal-Anness III jew tal-Anness IV.

6. Fir-rigward tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi elenkati fl-Annessi V u VI fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, it-trademarks li ssir applikazzjoni għalihom wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u li jikkorrespondu għal waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu rrifjutati.

---

[8] L-Artikolu 6(1) ma japplikax jekk applikant japplika għal trademark li tkun identika għat-trademark irreġistrata li tkun proprjetà tiegħu stess fir-rigward tal-prodott identiku.

Fir-rigward tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi elenkati fl-Anness III fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, it-trademarks li saret applikazzjoni għalihom fl-Unjoni Ewropea bejn id-data tal-pubblikazzjoni għall-oppożizzjoni u d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u li jikkorrespondu għal waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu preżunti bħala li saret applikazzjoni għalihom *in mala fide*.

Fir-rigward tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi elenkati fl-Anness IV fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, it-trademarks li saret applikazzjoni għalihom fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara t-3 ta' Ġunju 2017 u li jikkorrespondu għal waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu rrifjutati.

Artikolu 7
L-infurzar tal-protezzjoni

Il-Partijiet għandhom jinfurzaw il-protezzjoni prevista f'dan il-Ftehim permezz ta' azzjoni xierqa mill-awtoritajiet tagħhom. Għandhom jinfurzaw ukoll tali protezzjoni fuq talba ta' kwalunkwe parti interessata. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-partijiet interessati li jfittxu infurzar ġudizzjarju.

Artikolu 8
Regoli ġenerali

1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe impenn preċedenti tal-Partijiet derivati minn ftehimiet internazzjonali dwar il-protezzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi u l-infurzar tagħhom.

2. L-importazzjoni, l-esportazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti li jkollhom l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi elenkati fl-Anness III jew IV għandhom jitwettqu f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli fit-territorju tal-Parti fejn il-prodotti jitqiegħdu fis-suq.

3. Kwalunkwe kwistjoni li tirriżulta mill-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' prodotti rreġistrati għandha tiġi indirizzata fil-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 10.

4. L-informazzjoni dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi, b'mod partikolari l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għar-reġistrazzjoni ta' Indikazzjoni Ġeografika kif stabbilita fl-Anness II, inkluża kwalunkwe emenda futura, għandha tkun dik eżaminata u approvata mill-awtoritajiet tal-Parti fit-territorju minn fejn toriġina l-Indikazzjoni Ġeografika kkonċernata.

Artikolu 9
It-trasparenza u l-iskambju tal-informazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom, permezz tal-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 10 jew, direttament permezz tal-punti ta' kuntatt stabbiliti meta l-Kumitat Konġunt ma jkunx fis-sessjoni tiegħu, iżommu kuntatt fuq il-kwistjonijiet kollha li jirrigwardjaw l-implimentazzjoni u l-funzjonament ta' dan il-Ftehim. B'mod partikolari, Parti tista' titlob lill-Parti l-oħra informazzjoni relatata mal-liġijiet u r-regolamenti rilevanti, informazzjoni dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi, u l-modifika tagħhom, kif ukoll informazzjoni dwar il-punti ta' kuntatt għad-dispożizzjonijiet dwar il-kontroll. Il-punti ta' kuntatt għandhom ikunu responsabbli wkoll biex jirċievu d-dokumentazzjoni meħtieġa relatata mal-ismijiet elenkati fl-Annessi.

Kull Parti għandha tidentifika u tikkomunika l-punt ta' kuntatt li għandu jintuża għall-kwistjonijiet identifikati fis-subparagrafu 1.

Għall-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, il-punt ta' kuntatt huwa d-Dipartiment tat-Trattat u l-Liġi, il-Ministeru tal-Kummerċ taċ-Ċina.

Għall-Unjoni Ewropea, il-punt ta' kuntatt huwa d-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali.

2. Kull Parti tista' tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku l-informazzjoni dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi msemmija fl-Artikolu 8(4), inklużi l-ispeċifikazzjoni teknika jew sommarju tagħha, u dwar il-punti ta' kuntatt għad-dispożizzjonijiet dwar il-kontroll li jikkorrespondu għall-Indikazzjonijiet Ġeografiċi tal-Parti l-oħra protetti skont dan il-Ftehim.

Artikolu 10
Il-Kumitat Konġunt

1. Il-Partijiet b'dan jistabbilixxu Kumitat Konġunt li jikkonsisti minn rappreżentanti taż-żewġ Partijiet bl-iskop li jissorveljaw l-implimentazzjoni tal-Ftehim u li jintensifikaw il-kooperazzjoni u d-djalogu tagħhom fuq l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi.

2. Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta d-deċiżjonijiet tiegħu b'kunsens. Għandu jiddetermina r-regoli ta' proċedura tiegħu stess. Għandu jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena jew fi kwalunkwe ħin miftiehem mill-Partijiet, b'mod alternat fl-Unjoni Ewropea u fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, f'ħin u post u b'mod (li jista' jinkludi vidjokonferenza) ddeterminat b'mod reċiproku mill-Partijiet, iżda mhux aktar tard minn 90 jum wara t-talba.

3. Il-Kumitat Konġunt għandu jissorvelja wkoll il-funzjonament xieraq ta' dan il-Ftehim u jista' jikkunsidra kwalunkwe kwistjoni relatata mal-implimentazzjoni u l-operat tiegħu. B'mod partikolari, huwa għandu jkun responsabbli biex:

   (a) Jemenda l-Anness I fir-rigward tar-referenzi għal-liġi applikabbli fil-Partijiet u jemenda l-Annessi l-oħrajn għal dan il-Ftehim;

   (b) jiskambja informazzjoni dwar l-iżviluppi leġiżlattivi u ta' politika fir-rigward tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi u dwar kwalunkwe kwistjoni oħra ta' interess reċiproku fil-qasam tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi;

   (c) jiskambja informazzjoni dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi bl-għan li tkun ikkunsidrata l-protezzjoni tagħhom f'konformità ma' dan il-Ftehim.

Artikolu 11
Kooperazzjoni

Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw bl-għan li jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-impenji u l-obbligi magħmula f'dan il-Ftehim. L-oqsma ta' kooperazzjoni jinkludu l-attivitajiet li ġejjin, iżda mhumiex limitati għalihom :

   (a) l-iskambju ta' informazzjoni bl-għan li jiġi appoġġjat il-funzjonament tal-Kumitat Konġunt;

   (b) l-iskambju ta' esperjenzi ta' infurzar fuq talba tal-Parti l-oħra;

   (c) il-bini tal-kapaċità, inkluż fir-rigward tal-infurzar tal-protezzjoni u tar-relazzjoni bejn it-trademarks u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi;

(d) l-iskambju ta' informazzjoni sabiex jiġi ottimizzat l-operat ta' dan il-Ftehim; u

(e) il-promozzjoni u t-tixrid ta' informazzjoni dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi, *inter alia*, fost iċ-ċrieki tan-negozju u s-soċjetà ċivili, kif ukoll il-promozzjoni tas-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar il-konsumaturi u d-detenturi tad-drittijiet.

Artikolu 12
Kamp ta' applikazzjoni territorjali

Dan il-Ftehim japplika, minn naħa waħda, għat-territorji fejn jiġu applikati t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u taħt il-kundizzjonijiet stipulati f'dawk it-Trattati u, min-naħa l-oħra, fir-rigward tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, għat-territorju doganali kollu taċ-Ċina.

Artikolu 13
Testi awtentiċi

Dan il-Ftehim huwa mfassal f'żewġ kopji bil-lingwa Ċiniża Standard u bl-Ingliż. Huwa ser jiġi tradott ukoll għall-Bulgaru, għall-Kroat, għaċ-Ċek, għad-Daniż, għall-Olandiż, għall-Estonjan, għall-Finlandiż, għall-Franċiż, għall-Ġermaniż, għall-Grieg, għall-Ungeriż, għat-Taljan, għal-Latvjan, għal-Litwan, għall-Malti, għall-Pollakk, għall-Portugiż, għar-Rumen, għas-Slovakk, għas-Sloven, għall-Ispanjol u għall-Iżvediż, ukull test ikun ugwalment awtentiku. Fil-każ ta' inkonsistenzi fl-interpretazzjoni, it-testi bl-Ingliż u biċ-Ċiniż għandhom prevalenza.

Artikolu 14
Dħul fis-seħħ, emendi u terminazzjoni

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-data tal-wasla tal-aħħar notifika lill-Partijiet bil-miktub permezz ta' mezzi diplomatiċi li l-proċeduri legali rispettivi tagħhom meħtieġa għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ikunu tlestew.

2. Il-Partijiet jistgħu jemendaw dan il-Ftehim b'kunsens reċiproku bil-miktub. Kwalunkwe emenda għal dan il-Ftehim għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara li jkun ġie espress il-kunsens bil-miktub mill-Partijiet. L-emendi għall-Annessi għandhom jiġu effettwati b'deċiżjoni mill-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 10.

3. Kwalunkwe Parti tista' tittermina dan il-Ftehim billi tagħti avviż bil-miktub ta' sena lill-Parti l-oħra b'mezzi diplomatiċi.

ANNESS I
Il-leġiżlazzjoni tal-Partijiet

Parti A
Il-leġiżlazzjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

Id-Dispożizzjonijiet Ġenerali tal-Liġi Ċivili tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

Il-Liġi dwar it-Trademarks tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

Il-Liġi tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar il-Kwalità tal-Prodotti

Il-Liġi dwar l-Istandardizzazzjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

Il-Liġi tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar l-Agrikoltura

Il-Liġi tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar il-kwalità u s-sikurezza tal-prodotti agrikoli

Ir-Regolamenti għall-Implimentazzjoni tal-Liġi dwar it-Trademarks tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

Miżuri għar-Reġistrazzjoni u l-Amministrazzjoni ta' Trademark Kollettiva u Trademark taċ-Ċertifikazzjoni (l-Ordinanza tal-Amministrazzjoni Statali preċedenti għall-Industrija u l-Kummerċ Nru. 6)

Ir-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent u l-Protezzjoni ta' Trademarks Magħrufa Sewwa (l-Ordinanza tal-Amministrazzjoni Statali preċedenti għall-Industrija u l-Kummerċ Nru. 66)

Ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' Prodotti b'Indikazzjonijiet Ġeografiċi (l-Ordinanza tal-Amministrazzjoni Ġenerali preċedenti għas-Superviżjoni tal-Kwalità, l-Ispezzjoni u l-Kwarantina tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina Nru. 78)

Miżuri għall-Protezzjoni ta' Prodotti b'Indikazzjoni Ġeografika Barranija

Miżuri għall-Amministrazzjoni ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi għal Prodotti Agrikoli

Ir-Regolamenti taċ-Ċensur tar-Reġistrazzjoni ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi Barranin ta' Prodotti Agrikoli

Parti B
Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea

Ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel

Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007, u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu

Ir-Regolament (UE) Nru 251/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzat u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91

Ir-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' xorb spirituż, l-użu tal-ismijiet ta' xorb spirituż fil-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' oġġetti tal-ikel oħra, il-protezzjoni ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi ta' xorb spirituż, l-użu ta' alkoħol etiliku u distillati ta' oriġini agrikola f'xorb alkoħoliku, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 110/2008

ANNESS II
SPEĊIFIKAZZJONIJIET TEKNIĊI
GĦAR-REĠISTRAZZJONI TA' INDIKAZZJONI ĠEOGRAFIKA

1. ISEM TAL-INDIKAZZJONI ĠEOGRAFIKA

[Daħħal l-isem jew l-ismijiet kif irreġistrati fil-pajjiż tal-oriġini u t-traskrizzjoni tagħhom, inkluża traduzzjoni għal finijiet ta' informazzjoni]

2. KATEGORIJA TAL-PRODOTT LI GĦALIH L-ISEM HUWA PROTETT

[Il-Parti tal-oriġini tindika l-kategorija li għaliha tappartjeni l-Indikazzjoni Ġeografika fil-leġiżlazzjoni domestika tagħha]

3. APPLIKANT

[Daħħal l-isem u l-indirizz tal-grupp jew assoċjazzjoni ta' applikanti/produtturi]

4. PROTEZZJONI FIĊ-ĊINA/FL-ISTAT MEMBRU TAL-UNJONI EWROPEA TAL-ORIĠINI

[Daħħal l-aktar data kmieni ta' protezzjoni mill-awtorità kompetenti rilevanti u aġħti prova tal-protezzjoni]

5. DESKRIZZJONI TAL-PRODOTT

[Daħħal deskrizzjoni teknika konċiża (tip, forma, piż, daqs, kulur, togħma, proprjetajiet fiżiċi u/jew kimiċi, eċċ.) tal-prodott lest li għalih japplika l-isem. Għall-prodotti pproċessati, ipprovdi wkoll informazzjoni dwar il-materja prima.

Għall-inbejjed u l-ispirti, ipprovdi informazzjoni dwar il-materja prima, il-kontenut ta' alkoħol u l-apparenza fiżika. Għall-inbejjed, indika l-varjetà ta' għeneb tal-inbid, jekk huwiex inbid aħmar jew abjad u jekk huwiex inbid bla gass jew inbid frizzanti.]

[Għar-reġistrazzjoni bħala Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta, daħħal referenza għar-rispett tal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni Ewropea b'rabta mal-għalf (għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali) u għall-materja prima]

6. DEFINIZZJONI KONĊIŻA TAŻ-ŻONA ĠEOGRAFIKA

[Daħħal deskrizzjoni tad-delimitazzjoni taż-żona ġeografika u aġħti deskrizzjoni tal-passi speċifiċi fil-produzzjoni li jridu jseħħu fiż-żona ġeografika identifikata.]

[Għar-reġistrazzjoni bħala Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta, daħħal referenza li turi li l-attivitajiet kollha tal-produzzjoni ser iseħħu fiż-żona ġeografika.]

7. RABTA MAŻ-ŻONA ĠEOGRAFIKA

[Ipprovdi deskrizzjoni qasira tar-rabta bejn iż-żona ġeografika u kwalità, reputazzjoni jew karatteristiċi oħrajn speċifiċi tal-prodott; pereżempju, għandu jintwera b'liema mod il-karatteristiċi tal-prodott huma dovuti għaż-żona ġeografika u x'inhuma l-elementi naturali (bħall-kundizzjoni tal-ħamrija u l-karatteristiċi klimatiċi), umani u oħrajn (bħar-reputazzjoni tal-prodott u t-tradizzjonijiet tal-produzzjoni), li jagħtu lill-prodott l-ispeċifiċità tiegħu meta mqabbel ma' prodotti tal-istess kategorija prodotti f'żoni ġeografiċi oħrajn.]

[Għar-reġistrazzjoni bħala Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta, daħħal referenza għar-rispett tal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni fir-rigward tar-rabta (il-

kwalitajiet jew il-karatteristiċi tal-prodott huma esklussivament jew essenzjalment dovuti għal ambjent ġeografiku partikolari)]

8. REGOLI SPEĊIFIĊI DWAR IT-TIKKETTAR (JEKK IKUN HEMM)

[Ir-regoli ta' tmexxija jew ta' amministrazzjoni tal-grupp ta' applikanti/produtturi dwar it-tikkettar u/jew l-użu tas-simboli uffiċjali tal-Indikazzjoni Ġeografika fuq il-prodott.]

9. IL-KORP / L-AWTORITÀ TA' KONTROLL RESPONSABBLI GHALL-KONTROLL TAR-RISPETT TAL-ISPEĊIFIKAZZJONIJIET TAL-PRODOTT

ANNESS III
Indikazzjonijiet Ġeografiċi ta' prodotti li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina msemmija fl-Artikolu 2(2)

Isem kif irreġistrat fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Traskrizzjoni f'ittri Latini	Tip ta' prodott	Traduzzjoni għal finijiet ta' informazzjoni
安吉白茶	Anji Bai Cha	Prodotti oħrajn tal-Anness I tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-"Trattat") (ħwawar, eċċ.) - Te	Anji White Tea
安溪铁观音	Anxi Tie Guan Yin	Prodotti oħrajn tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar, eċċ.) - Te	Anxi Tie Guan Yin
保山小粒咖啡	Baoshan Xiao Li Ka Fei	Prodotti oħrajn tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar, eċċ.) - Kafè	Baoshan Arabica Coffee
赣南脐橙	Gannan Qi Cheng	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Frott	Gannan Navel Orange
霍山黄芽	Huoshan Huang Ya	Prodotti oħrajn tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar, eċċ.) - Te	Huoshan Yellow Bud Tea
郫县豆瓣	Pixian Dou Ban	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Pejst tal-fażola	Pixian Bean Paste
普洱茶	Pu'er Cha	Prodotti oħrajn tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar, eċċ.) - Te	Pu'er Tea
山西老陈醋	Shanxi Lao Chen Cu	Prodotti oħrajn tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar, eċċ.) - Ħall	Shanxi Aged Vinegar
烟台苹果	Yantai Ping Guo	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Frott	Yantai Apple

坦洋工夫	Tanyang Gong Fu	Prodotti oħrajn tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar, eċċ.) - Te	Tanyang Gongfu Black Tea
白城绿豆	Baicheng Lü Dou	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Fażola	Baicheng Mung Bean
肇源大米	Zhaoyuan Da Mi	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Ross	Zhaoyuan Rice
婺源绿茶	Wuyuan Lü Cha	Prodotti oħrajn tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar, eċċ.) - Te	Wuyuan Green Tea
福州茉莉花茶	Fuzhou Mo Li Hua Cha	Prodotti oħrajn tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar, eċċ.) - Te	Fuzhou Jasmine Tea
房县香菇	Fangxian Xiang Gu	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Faqqiegħ	Fangxian Mushroom
南丰蜜桔	Nanfeng Mi Ju	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Frott	Nanfeng Sweet Orange
苍山大蒜	Cangshan Da Suan	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Tewm	Cangshan Garlic
房县黑木耳	Fangxian Hei Mu Er	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Faqqiegħ	Fangxian Black Fungus
凤冈锌硒茶	Fenggang Xin Xi Cha	Prodotti oħrajn tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar, eċċ.) - Te	Fenggang Zinc Selenium Tea
库尔勒香梨	Ku’erle Xiang Li	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Frott	Korla Pear
邳州大蒜	Pizhou Da Suan	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Tewm	Pizhou Garlic

安岳柠檬	Anyue Ning Meng	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Frott	Anyue Lemon
正山小种[9]	Zhengshan Xiao Zhong	Prodotti oħrajn tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar, eċċ.) - Te	Lapsang Souchong
兴化香葱	Xinghua Xiang Cong	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Kurrat deidratat	Xinghua Chive
六安瓜片	Lu'an Guapian	Prodotti oħrajn tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar, eċċ.) - Te	Lu'an Melon-seed-shaped Tea
宜宾芽菜	Yibin Ya Cai	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Nebbieta tal-fażola (Ħxejjex ippriservati)	Yibin Bean Sprout
静宁苹果	Jingning Ping Guo	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Frott	Jingning Apple
安丘大姜	Anqiu Da Jiang	Prodotti oħrajn tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar, eċċ.) - Ġinġer	Anqiu Ginger
建宁通心白莲	Jianning Tong Xin Bai Lian	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Lotus nut	Jianning White Lotus Nut
松溪绿茶	Songxi Lü Cha	Prodotti oħrajn tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar, eċċ.) - Te	Songxi Green Tea

[9] Għal perjodu ta' tranżizzjoni ta' ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-protezzjoni tal-Indikazzjoni Ġeografika "正山小种" ma għandhiex timpedixxi l-użu tat-terminu "Lapsang Souchong" fit-territorju tal-Unjoni Ewropea għat-tè, diment li:

- jista' jintwera li l-prodott ikkonċernat tqiegħed fis-suq tal-Unjoni Ewropea qabel it-3 ta' Ġunju 2017; u
- il-prodott ikkonċernat ma jqarraqx bil-konsumatur Ewropew; l-oriġini ġeografika attwali tiegħu trid tintwera b'mod ċar u b'mod viżibbli u li jista' jinqara.

罗平小黄姜	Luoping Xiao Huang Jiang	Prodotti oħrajn tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar, eċċ.) - Ġinġer	Luoping Yellow Ginger
苍溪红心猕猴桃	Cangxi Hong Xin Mi Hou Tao	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Frott	Cangxi Red Kiwi Fruit
庆元香菇	Qingyuan Xiang Gu	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Faqqiegħ	Qingyuan Mushroom
长寿沙田柚	Changshou Sha Tian You	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Frott	Changshou Shantian Pomelo
凤凰单丛	Fenghuang Dan Cong	Prodotti oħrajn tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar, eċċ.) - Te	Fenghuang Single Cluster
涪城麦冬	Fucheng Mai Dong	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Tuberu	Fucheng Ophiopogon japonicus
狗牯脑	Gou Gu Nao	Prodotti oħrajn tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar, eċċ.) - Te	Gougunao Tea
武夷山大红袍	Wuyishan Da Hong Pao	Prodotti oħrajn tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar, eċċ.) - Te	Mount Wuyi Da Hong Pao
晋州鸭梨	Jinzhou Ya Li	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Frott	Jinzhou Pear
吐鲁番葡萄干	Turpan Pu Tao Gan	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Żbib	Turpan Raisin
安化黑茶	Anhua Hei Cha	Prodotti oħrajn tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar, eċċ.) - Te	Anhua Dark Tea
嵊泗贻贝	Shengsi Yi Bei	Ħut frisk, molluski u krustaċji u prodotti derivati minnhom - Maskli	Shengsi Mussel

辽中玫瑰	Liaozhong Mei Gui	Fjuri u pjanti ornamentali oħrajn - Fjuri	Liaozhong Rose
横县茉莉花茶	Hengxian Mo Li Hua Cha	Prodotti oħrajn tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar, eċċ.) - Te	Hengxian Jasmine Tea
蒲江雀舌	Pujiang Que She	Prodotti oħrajn tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar, eċċ.) - Te	Pujiang Que She Tea
峨眉山茶	Emeishan Cha	Prodotti oħrajn tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar, eċċ.) - Te	Mount Emei Tea
朵贝茶	Duobei Cha	Prodotti oħrajn tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar, eċċ.) - Te	Duobei Tea
五常大米	Wuchang Da Mi	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Ross	Wuchang Rice
福鼎白茶	Fuding Bai Cha	Prodotti oħrajn tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar, eċċ.) - Te	Fuding White Tea
吴川月饼	Wuchuan Yue Bing	Ħobż, għaġina, kejkijiet, ħlewwiet, gallettini u oġġetti oħrajn tal-furnara - Għaġina	Wuchuan Mooncake
兴隆咖啡	Xinglong Ka Fei	Prodotti oħrajn tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar, eċċ.) - Kafè	Xinglong Coffee
绍兴酒	Shaoxing Jiu	Xarba alkoħolika magħmula mir-ross	Shaoxing Rice Wine
贺兰山东麓葡萄酒	Helanshan Dong Lu Pu Tao Jiu	Inbid	Wine in Helan Mountain East Region
桓仁冰酒	Huanren Bing Jiu	Inbid	Huanren Icewine
烟台葡萄酒	Yantai Pu Tao Jiu	Inbid	Yantai Wine

惠水黑糯米酒	Huishui Hei Nuo Mi Jiu	Xarba alkoħolika magħmula mir-ross	Huishui Black Glutinous Rice Wine
西峡香菇	Xixia Xiang Gu	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Faqqiegħ	Xixia Mushroom
红崖子花生	Hongyazi Hua Sheng	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Karawett	Hongyazi Peanut
武夷岩茶	Wuyi Yan Cha	Prodotti oħrajn tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar, eċċ.) - Te	Wuyi Rock Tea
英德红茶	Yingde Hong Cha	Prodotti oħrajn tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar, eċċ.) - Te	Yingde Black Tea
剑南春酒	Jian Nan Chun Jiu/Jian Nan Chun Chiew	Xarba spirituża	Jian Nan Chun Liquor
高炉家酒（高炉酒）	Gao Lu Jia Jiu /Gao Lu Jiu	Xarba spirituża	Gao Lu Jia Liquor/Gao Lu Liquor
扳倒井酒	Ban Dao Jing Jiu	Xarba spirituża	Ban Dao Jing Liquor
沙城葡萄酒	Shacheng Pu Tao Jiu	Inbid	Shacheng Wine
茅台酒（贵州茅台酒）	Moutai Jiu（Kweichow Moutai Jiu）/Moutai Chiew（Kweichow Moutai Chiew）	Xarba spirituża	Moutai Liquor/Kweichow Moutai Liquor
五粮液	Wu Liang Ye	Xarba spirituża	Wuliangye Liquor
盘锦大米	Panjin Da Mi	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Ross	Panjin Rice
吉县苹果	Jixian Ping Guo	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Frott	Jixian Apple

鄂托克阿尔巴斯山羊肉	Etuoke Aerbasi Shan Yang Rou	Laħam frisk (u l-ġewwieni) - Laħam tal-mogħoż	Otog Arbas Goat Meat
扎兰屯黑木耳	Zhalantun Hei Mu Er	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Faqqiegħ	Zhalantun Black Fungus
岫岩滑子蘑	Xiuyan Hua Zi Mo	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Faqqiegħ	Xiuyan Pholiota Nameko
东港大黄蚬	Donggang Da Huang Xian	Ħut frisk, molluski u krustaċji u prodotti derivati minnhom - Gandoffli	Donggang Surf Clam
东宁黑木耳	Dongning Hei Mu Er	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Faqqiegħ	Dongning Black Fungus
南京盐水鸭	Nanjing Yan Shui Ya	Prodotti tal-laħam (imsajrin, immellħin, affumikati) - Laħam tal-papra	Nanjing Salted Duck
千岛银珍	Qiandao Yin Zhen	Prodotti oħrajn tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar, eċċ.) - Te	Qiandao Rare Tea
泰顺三杯香茶	Taishun San Bei Xiang Cha	Prodotti oħrajn tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar, eċċ.) - Te	Taishun Three Cups of Incense Tea
金华两头乌猪	Jinhua Liang Tou Wu Zhu	Laħam frisk (u l-ġewwieni) - Laħam tal-majjal	Jinhua Pig
罗源秀珍菇	Luoyuan Xiu Zhen Gu	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Faqqiegħ	Luoyuan Pleurotus Geesteranus
桐江鲈鱼	Tongjiang Lu Yu	Ħut frisk, molluski u krustaċji u prodotti derivati minnhom - Ħut	Tongjiang Bass

乐安竹笋	Le'an Zhu Sun	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Ħxejjex	Le'an Bamboo Shoots
莒南花生	Junan Hua Sheng	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Karawett	Junan Peanut
文登苹果	Wendeng Ping Guo	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Frott	Wendeng Apple
安丘大葱	Anqiu Da Cong	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Ħxejjex	Anqiu Chinese Onion
香花辣椒	Xianghua La Jiao	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Ħxejjex	Xianghua Chilli
麻城福白菊	Macheng Fu Bai Ju	Prodotti oħrajn tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar, eċċ.) - Te	Macheng Chrysanthemum Tea
潜江龙虾	Qianjiang Long Xia	Ħut frisk, molluski u krustaċji u prodotti derivati minnhom - Ċkal	Qianjiang Crayfish
宜都宜红茶	Yidu Yi Hong Cha	Prodotti oħrajn tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar, eċċ.) - Te	Yidu Black Tea
大埔蜜柚	Dapu Mi You	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Frott	Tai Po Honey Pomelo
